# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 18**

**Rikors Numru : 49/2013/JPG**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company Europe Limited**

**Vs**

**Titan International Limited (C 1115)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Argus Insurance Company Europe Limited tal-21 ta'Jannar 2013 li jaqra hekk:

1. *"ILLI s-socjeta' rikorrenti hija l-assikuratrici tas-socjeta' BM IT Limited [C39594) inkorporata f'Malta u dana skond il-Polza tal-Assigurazzjoni bin-numru F.E.E.2447.08, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala'***Dok. FIAL1***;*

2. *ILLI s-socjeta' assikurata BM IT Limited topera mill-fond bl-indirizz 54/55, Lona Industrijali, Triq Manuel Borg Gauci, Tal-Handaq, Qormi, QRM 4000;*

3. *ILLI s-socjeta' konvenuta fuq talba u inkarigu tas-socjeta' assikurata ikkonsenjat u installat fil-fond fuq imsemmi f'Hal-Qormi makkinarju ossia VPAC humidification units;*

4. *ILLI nhar id-disgha (9) ta'April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gewwa l-istess fond f'Hal-Qormi, il-makkinarju ikkonsenjat u installat mis-socjeta konvenuta ghal darb' ohra zviluppa difetti u/jew hsarat kawza ta' liema l-istess makkinarju nixxa ilmijiet u/jew likwidi ohra u konsegwentement il-kumpannija assikurata soffriet danni f'numru ta' servers u oggetti ohra, kif anke jirrizulta mis-survey report imhejji mill-lnginier Johan Aloisio kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***'Dok. FIAL2'****;*

5. *ILLI s-socjeta rikorrenti, ai termini tal-obbligi taghha skond il-polza ta' assigurazzjoni fuq imsemmija, hallset kumpens u indenizzat lis-socjeta assigurata taghha BM IT Limited ghad-danni minnha sofferti b'konsegwenza ta' dan l-incident tad-9 ta' April, 2010, fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, sebi mija u hamsa u sebghin Ewro u ghoxrin Ewro centezmi (€31,775.20), filwaqt li s-socjeta assikurata issurrogat lis-socjeta' rikorrenti fid-drittijiet taghha, u dan kif jirrizulta mid-Discharge Form relattiva hawn annessa u mmarkata bhala'****Dok FIAL 3'****;*

6. *ILLI, minkejja li debitament interpellata sabiex tersaq u taddivjeni ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni relattivi anke premezz ta' ittra ufficjali bin-numru 204/2012, prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***'Dok. FIAL 4'****, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;*

7. *ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

8. *ILLI l-fatti kollha ddikjarati huma a diretta konoxxenza tas-socjeta rikorrenti;*

*GHALDAQSTANT, is-socjeta rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, provvediment u ordni mehtiega skont il-ligi, joghgobha:-*

1. *TIDDIKJARA li s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' assikurata BM IT Limited (C 39594) in konsegwenza tal-incident hawn fuq deskritt li sehh nhar id-9 ta' April, 2010, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

2. *TORDNA lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' €31,775.20) rapprezentanti l-ammont globali sbursat minnha sabiex tindennizza lis-socjeta' assikurata taghha BM IT Limited (C 39594) ghad-danni sofferti mill-istess socjeta' assikurata skond id-Discharge Form relattiva hawn annessa u mmarkata bhala* ***'Dok. FIAL 3'****, jew kull ammont iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida, u dan in konsegwenza tal-akkoljiment tal-ewwel talba hawn fuq riportata;*

3. *TORDNA lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ispejjez tas-survey report relattiv, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala* ***'Dok. FIAL2'****;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-ittra ufficjali interpellatorja bin-numru 204/2012 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli kontra s-socjeta' konvenuta mid-data effettiva tas-surroga tas-socjeta' rikorrenti fid-drittijiet tas-socjeta' assikurata BM IT Limited (C 39594) u bl-ingunzjoni ta' rapprezentant debitament awtorizzat mis-socjeta' konvenuta illi huwa, minn issa, msejjah ghas-subbizzjoni tieghu."*

Rat illi ir-rikors promotorju , d-digiet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta Titan International Limited tat-18 ta' Marzu 2013 (a fol. 39 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi fil-mertu, il-kumpanija eccipjenti mhijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe' danni allegati huma kontestati u jehtieg illi jigu ippruvati;*

3. *Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi*

*Bl-ispejjez."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' fatti tas-socjeta' konvenuta Titan International Limited ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol. 40)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Fogg Insurance Agencies Limited noe (C-597) tal-10 ta' Marzu 2015 (a fol. 129 et seq);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet responsiva ta' Titan International Limited (C-1115) tat-22 t'April 2015 (a fol. 152 et seq);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta' BM IT, l-assikurata ta' Fogg Insurance Agencies Limited, topera *data centre* f'Hal Qormi li tikkontieni numru konsiderevoli t'apparat ta'komputers u *computer systems* li jithaddmu minn klijenti taghha, fosthom *gaming companies*.

Is-socjeta' Titan International Limited, giet inkarigata tissuplixxi u tinstalla impjanti t'arja kundizzjonata u VPAC *humidification units* ghal din d-*data centre*.

Fit-12 ta' Gunju 2009 (u mhux fid-9 t'April 2009), kien hemm incident li fih kwantita' ta' ilmijiet hareg minn wiehed mill- *humidification units* tad-*data centre* u pperkola fuq is-*servers* tas-socjeta' BM IT.

Il-Qorti taghmel parentesi fis-sens illi hija tikkonsidra dan l-izball ta' data bhala wiehed sanabbli skond il-ligi, tant li ai termini tal-Artikolu 175(2) tal-Kapitolu 12 tali zball huwa sanabbli wkoll anki sal-istadju ta' proceduri quddiem Qorti tal-Appell.

Gie precizat illi dan l-incident sar waqt illi apparat kien qed jigi ezaminat permezz ta' *pressure test* mill-haddiema tas-socjeta' Titan International, f'liema test instab li kien hemm *pipe* li kien "*un-terminated*".

Huwa mifhum illi *pressure test* jsir precizament sabiex jigu identifikati xi *leaks* fis-sistema.

Fil-process tat-*testing*, persuna mhux identifikata mill-haddiema tas-socjeta' intimata Titan International Limited fetah u halla vit tar-*reverse osmosis* miftuh – Vide xhieda ta' Johan Aloisio a fol. 71.

Aloisio xhed illi l-ilma baqa' jiskula u jcarcar u nizel minn xaqq fl-art u baqa' jipperkola u jqattar sas-sular ta' taht.

Aloisio identifika fl-imagini immarkati figuri 4 u 5 fir-rapport tieghu, l-ixquq u l-konsenturi mal-art u fil-korrispendenti saqaf tas-sular ta' taht li jidhru a fol. 21 tal-process.

Gie konstatat illi fis-sular fejn hareg l-ilma ma kien hemm ebda *servers* jew *computers*.

Jirrizulta ukoll illi l-ilmijiet ghaddew mill-konsentura jew xaqq u skulaw fuq *server rack* li kien jintuza minn Tain Malta Limited, klijent ta' BM IT Limited. Il-fatt li l-apparat fil-hin tal-iskular kien mixghul rrezulta fi hsara konsiderevoli – Vide xhieda ta' Gordon Bezzina a fol. 49 u Emanuel Bonnici a fol. 55.

*"The fact that the rack was up and running during the incident makes all the difference in the level of damage incurred. Had the rack been off the water would have flowed down from the front of the rack, most probably without affecting it."*- Vide fol. 30.

Minkejja li ebda hsara ma kienet immedjatament vizibbli, l-*Engineer* Alioso kkonferma li kull bicca apparat *"will be prone to fail within the next few months."*
Vide fol. 30 Dok. FIAL, ir-rapport ta' Johan Aliosio.

In fatti, ftit minuti wara l-perkolazzjoni tal-ilma fuq l-apparat in kwistjoni, intfew kwantita' ta' *servers,* u sa siegha wara l-incident kien fadal jahdem biss xi erbgha jew hames *servers* li kienu mqieghda fil-qiegh tal-*cabinet*. Jirrizulta mill-provi illi s-socjeta' BM IT giet mhallsa s-somma ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€31,775.50) mis-socjeta assikuratrici.

**Ikkonsidrat:**

Huwa risaput fl-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*

Daqstant hu mifhum illi jehtieg ukoll illi jigi stabbilit illi bhala stat ta' fatt, kienet dik l-htija li kkagunat d-dannu attwali soffert - Vide **David Gatt vs Peter Calleja** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** deciza fit-**30 ta' Mejju 2002**; **David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited et** deciza fit-**12 ta' Marzu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J. R. Micallef**.

Din il-Qorti wara li gharblet bir-reqqa l-provi kollha migjuba quddiemha taghraf illi hemm provi lampanti li kienu l-haddiema tas-socjeta' intimata, waqt *pressure testing,* illi kkagunaw il-hrug ta' kwantita' konsiderevoli ta' ilma u dana meta thalla miftuh vit tar-*reverse osmosis*. Din il-Qorti tifhem li dan kien il-**kagun principali** ta' kif gara l-incident u li l-istess incident **u l-hsarat konsegwenzjali gew kagunati minn negligenza tal-haddiem tas-socjeta' intimata li halla miftuh dan il-vit.**

Il-Qorti trid tezamina ukoll jekk kemm-il darba jemergi mix-xhieda li kien hemm negligenza ta terz li kkontribwixxa ghal kif sehh l-incident.

Skond l-**Art.1051** tal-Kap.16, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni ghall-hsara, jehtieg:

> (a) li jkun hemm *att ta` negligenza* da parti tal-persuna li tkun batiet il-hsara. Kif inghad fil-kawza **Sacco et noe vs Bonnici** (Appell Civili – 19 ta' Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10) irid ikun hemm konkors ta' htijiet : dik tal-konvenut u dik tal-attur.
>
> (b) li din in-negligenza tal-persuna li tkun batiet il-hsara tkun *ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara* (ara – **Bugeja noe vs Borg** – Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/HH) – 11 ta' Mejju 1983).

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li s-socjeta' intimata ghandha tinzamm unikament responsabbli sikkome fil-mument li sehh l-incident l-haddiema tas-socjeta' intimata kienu jinstallaw is-sistema ta' VPAC *humidification units* fit-tieni sular , cioe' fis-sular sovrastanti,

Skond is-socjeta' rikorrenti l-fatti jitkellmu wahedhom – *res ipsa loquitur*.

Din il-Qorti tifhem illi din il-massima tohloq prezunzjoni prima facie li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor, prezunzjoni li tista' tigi mxejna b'prova kuntrarja.

Fil-kaz in ezami jirrizulta mir-rapport tal-*Engineer* Aloisio, illi l-perkolazzjoni tal-ilma mit-tieni sular ghal fuq s-*servers* ta' BM IT sehhet billi l-ilmijiet ghaddew minn konsentura jew xaqq konsiderevoli fl-art tat-tieni sular u rifless tieghu fis-saqaf tal-fond fl-ewwel sular.

**Huwa minnu illi l-art fit-tieni sular ma kienx saqaf ta' bejt fejn huwa mistenni illi l-*waterproofing* tal-istess jkun wiehed effettiv u kompetenti.**

Madanakollu huwa, evidenti illi x-xaqq jew konsentura fl-art ffacilitat il-perkolazzjoni tal-ilma ghal fuq is-*server* b'modd ferm aktar mghaggel minn dak mistenni, b'mod li ma

ppermettiex lil haddiema jiehdu azzjoni remedjali bhal per ezempju li jghattu l-apparat b'xi *koperta impermiabile*.

Ghalhekk il-Qorti taghraf illi s-socjeta' BM IT tahti ghal $^{1/}{}_{5}$ ta' kif sehh l-incident meritu tar-rikors promotorju, waqt li s-socjeta' Titan International Limited tahti ghal $^{4/}{}_{5}$ ghal kif sehh l-incident.

Ghar-rigward tal-entita' ta' danni sofferti, l-Qorti rat u ezaminat r-rapport ta' Johan Aloisio Dok FIAL2 minn fol. 18 sa 30.

Il-Qorti rat u ezaminat il-*quantum* tad-danni fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, seba' mija u hamsa u sebghin Ewro u hamsin centezmi (€31,775.50), liema somma giet mhallsa mis-socjeta' rikorrenti lil BM IT.

Is-socjeta' intimata tilmenta illi ma gietx pprvata illi l-hsara fuq l-apparat sehh fir-realta'. Di piu' ma gie applikat ebda element ta' deprezzament u ebda *scrape value* ma inghata lill-istess apparat.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tqis illi l-apparat inbidel 'l ghaliex kien hemm **probabilita'** li l-*accuracy* tal-istess apparat jkun kompromess. Il-Qorti taghraf illi meta *Engineer* jiddikjara li apparat ta' dik l-kwalita' gia la darba xxarrab waqt li kien qed jahdem, huwa "***prone to failure",*** m'ghandhiex ghalfejn tiddubitah specjalment meta dan gie ukoll konfermat mix-xhieda ta' Gordon Bezzina, u meta gie kostatat illi l-ilma li pperkola fuq l-apparat kien kemmxejn aciduz, fattur dana li ffacilita' l-*corrosion* tal-apparat. Infatti din il-Qorti kif diversament preseduta rriteniet:

> *"Kif osservat drabi ohra m'ghandux jigi prezunt illi s-socjeta' assiguratrici thallas leggerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem li tkun ghamlet dan wara d-debita verifika."* Vide **Joseph Felice Pace nomine vs Godwin Abela** deciz mill-Qorti tal-Appell fid-**29 t'Ottubru 1999**; **Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela** deciz fil-**31 ta' Jannar 2003**

Illi kif gia aktar kmieni indikat din il-Qorti tqis illi s-socjeta' BM IT kienet responsabbli ghal $^{1}/_{5}$ f'negligenza kontributorja. Dan gie kwantifikat kif ser jinghad:

L-ammont ta' danni kwantifikati ghandhom jigu divizi b'hamsa:

€31,775.50 ÷5 = €6,355.10

L-ammont ta'€6,355.10 irid jigi mnaqqas mill-ammont dovut mis-socjeta' intimata:

€31,775.50- €6,355.10= €25,420.40

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata limitatament; tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni taghha; tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici limitatament billi tiddikjara s-socjeta' kienet responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' assikurata BM IT Limited in konsegwenza tal-incident kwantu ghal $^{4}/_{5}$ waqt li BM IT Limited hija responsabbli kwantu ghal $^{1}/_{5}$ f'negligenza kontributorja; tilqa' t-tieni talba tas-socjeta' attrici limitatament u tordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, erba' mija u ghoxrin Ewro u erbghin centezmi (€25,420.40); tilqa' t-tielet talba ghal hlas tal-ispejjez inkorsi fis-*survey report* Dok FIAL2.

Il-Qorti tgahraf illi l-ispejjez ghandhon jigu supportati kwantu ghal $^{4}/_{5}$ mis-socjeta' intimata u kwantu ghal $^{1}/_{5}$ mis-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**